MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2012

Appell Civili Numru. 442/2007/1

**Carmelo sive Charles Mifsud**

**v.**

**Emanuel Cachia**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan huwa appell ad istanza tal-konvenut Emanuel Cachia mis-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Ottubru 2011 li permezz tiegħu qed jitlob lil din il-qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-

ewwel qorti bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat Mifsud.[1]

Għall-intendiment aħjar ta' dan l-appell is-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti qegħda tiġi hawnhekk riprodotta fl-intier tagħha:

**"Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Carmelo *sive* Charles Mifsud datat 20 ta' April 2007 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponent jirrisjedi fid-dar bl-isem 'Blessed Farm House', fi Sqaq Dun Guzepp Mifsud, Msida, (ga maghruf bhala Sqaq Gannus, fi Triq San Gwann tal-Gharghar, Msida) proprjeta' ta' Paul Calleja missier il-mara tieghu. *Inoltre* l-esponent jipposjedi wkoll ir-razzett adjacenti ghall-istess dar fejn huwa licenzjat biex irabbi n-naghag u jipproduci l-gbejniet.

Illi l-konvenut jipposjedi bi qbiela raba' tal-Gvern li jmiss mal-isqaq Dun Guzepp Mifsud.

Illi ghall-ahhar ta' Marzu u l-bidu ta' April 2007, il-konvenut abbuzivament, bi vjolenza u minghajr ebda jedd legali, qabad u dejjaq l-isqaq Dun Guzepp Mifsud, Msida, ghamel xatba, tefa' gebel fin-nofs u ghalaq bicca ohra b'hajt tas-sejjiegh b'mod li qieghed jimpedixxi u jfixkel lill-esponent mill-access hieles li kien jipposjedi u jgawdi ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena.

Illi dan l-agir illegali u abbuziv tal-konvenut jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tal-esponent.

---

[1] B'digriet tat-13 ta' Ġunju 2012 din il-qorti a tenur tal-Artikolu 142(5) tal-Kapitolu 12 ordnat lill-appellant sabiex fi żmien jumejn jippreżenta nota li jkun fiha l-partikolaritajiet kif meħtieġa fl-artikolu 142(1) tal-Kap imsemmi u fl-20 ta' Ġunju 2012 il-konvenut appellant Emanuel Cachia ppreżenta nota li permezz tagħha ppreciza li kien bi żvista li naqas li jindika illi ried jitlob lil din il-qorti sabiex tiċħad *in toto* t-talbiet tal-attur appellat u b'hekk tilqa' l-eċċezzjonijiet tiegħu.

Illi minkejja li kien interpellat biex jirripristina l-isqaq u li jhalli l-access tal-esponent hieles kif kien, il-konvenut baqa' inadempjenti.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tas-socjetajiet attrici fit-termini tal-**artikoli 534 *et seq.* tal-Kodici Civili.**

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss, jispurga l-ispoll kommess minnu ghad-dannu tal-esponent.

3. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jerga' jirreintegra lill-esponent fil-pussess tad-drittijiet pjeni tieghu billi jerga' Jiftah l-isqaq u jnehhi x-xatba u l-gebel kif fuq inghad; u

4. Fin-nuqqas, tawtorizza lill-esponent jaghmel huwa x-xoghol mehtieg a spejjez tal-konvenut.

5. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda a fol. 3 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-5 ta' Gunju 2007.

Rat ir-risposta ta' Emanuel Cachia ID Nru 344636 M datata 11 ta' Mejju 2007 a fol. 9 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fi dritt *stante* illli l-ghalqa in kwistjoni hija gabellata lil Emanuel u Guza Cachia mill-Kummissarju tal-Artijiet kif jirizzulta hawn anessa u markat Dokument "A" u minkejja dan hija mhiex parti in kawza u ghalhekk il-gudizzju mhuwiex integru u ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizju.

2. Illi l-ghlaqa in kwistjoni kienet gabellata lil Joseph Micallef missier Guza Cachia li f'hajtu kien ceda l-qbiela ta' din ir-raba' fl-1977 fuq bintu u zewga l-intimat.

3. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fi dritt *stante* illi l-ghalqa tal-intimat li hija propjeta` tal-Kummissarju tal-Artijiet, tibda wara li jispicca sqaq Dun Guzepp Mifsud u m'hemm ebda prolungament tal-isqaq mill-ghalqa tal-intimat kif dan jista' jigi konfermat mill-istess Kummissarju tal-Artijiet waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4. Illi l-access ghal ghalqa u ghad-dar tar-rikorrent ossia "Blessed Farmhouse" hija fit-Triq San Gwann tal-Gharghar, Msida u gib in-numru 8C fl-istess triq u dan kif jirrizulta mill-Kummissarju tal-Artijiet minghand min ir-rikorrent ihallas il-qbiela.

5. Illi r-rikorrent qatt ma kellu dritt ta' passagg mill-ghalqa tal-mittenti imma b'mod abbuziv u illegali huwa jippretendi li ghandu dan id-dritt li qatt ma ezista u dan kif jista' jigi kkonfermat mill-istess Kummissarju tal-Artijiet.

6. Illi l-unika dritt ta' passagg kien u ghadu ta' Saviour Grech u Giovanna Sillatto li huma l-gabilotti tal-ghalqa posterjuri ghal tal-intimat.

7. Illi recentement huma hut il-mara tar-rikorrent u familjari ohra Paul Calleja, Brian Calleja, Emanuel Pace, Censina Pace u Caroline Mifsud bdew jghaddu b'mod abbusiv u illegali b'ingenji, trakkijiet u *cranes* u ghalhekk giet kostruwijta x-xatba fl-entratura tal-ghalqa taghhom.

8. Illi barra minhekk dawn l-istess nies kienu jwatbu skart fl-ghalqa tal-intimat kif jirrizulta mir-ritratti annessi.

9. Illi m'hemm ebda sqaq li jrid jinfetah *stante* illi l-isqaq jispicca mal-ghalqa tal-intimat u gie biss recentement moghoti l-isem ta' Dun Gwann Mifsud u qatt ma kien hekk maghruf imma kien maghruf biss bhala Triq San Gwann Tal-Gharghar.

10. Illi x-xatba min dejjem kienet tezisti u kienet tkissret biz-zmien u regget saret fuq ordni tal-Kummissarju tal-Artijiet ossia certu Emanuel Martin Spettur tad-Dipartiment tal-Artijiet.

11. Illi l-gebel li hemm fl-ghalqa tal-intimat dejjem kien jezisti u juri d-delinjazzjoni tal-pasagg ghal Sillato u Grech li ghandhom l-ghalqa posterjuri tal-intimat.

12. Illi huwa qatt ma’ kellu access mill-ghalqa tal-intimat u jekk xi drabi jghaddi min hemm b’tolleranza tar-rikorrent ma jirradika l-ebda dritt galadarba l-access tieghu kien mit-Triq San Gwann tal-Gharghar u x-xatba saret fi hwejjeg tal-intimat biex ma jittentax ir-rikorrent jghaddi bl-ingenji kif fuq inghad.

Salv eccezzjonijiet ohra

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument anness tal-konvenut a fol. 11 sa fol 17 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fil-5 ta’ Gunju 2007 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli ghall-provi tal-partijiet.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Josette Demicoli flimkien max-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti hemmipprezentati.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-11 ta’ Gunju 2008 fejn il-Qorti nnominat lill-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli sabiex tiffissa zewg seduti ghall-konkluzjoni provi konvenuti.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Gillian Portelli flimkien max-xhieda kollha quddiemha prodotta u d-dokumenti kollha hemm esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti kollha mizmuma quddiem il-Qorti hekk presjeduta fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr. Mark Attard Montalto ghall-konvenut prezenti u Dr. Pawlu Lia ghall-attur prezenti. Xehed il-Perit Anthony Muscat. Dr. Mark Attard Montalto esebixxa dokument li fih erba' (4) kopji ta' ritratti u mmarkati bhala Dok "MAM 3". Dr. Mark Attard Montalto ddikjara li ma ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2011. Il-Qorti rriservat li fil-mori tikkomunika mal-avukati sabiex tinformhom jekk hemmx bzonn li jsir access; u l-verbal tat-28 ta' Gunju 2011 fejn il-kawza giet differita ghall-istess skop tal-verbal precedenti u cjoe' ghas-sentenza ghall-4 ta' Ottubru 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi l-atturi qed jallegaw li l-konvenut ikkometta spoll meta ghall-ahhar ta' Marzu u l-bidu ta' April 2007, huwa abbuzivament, bi vjolenza u minghajr ebda jedd legali, qabad u dejjaq l-isqaq Dun Guzepp Mifsud, Msida, ghamel xatba, tefa' gebel fin-nofs u ghalaq bicca ohra b'hajt tas-sejjiegh b'mod li qieghed jimpedixxi u jfixkel lill-attur mill-access hieles li kien jipposjedi u jgawdi ghal dawn l-ahhar tlettax-il sena.

Illi jirrizulta li l-azzjoni pprezentata mill-attur hija dik ta' spoll u ghalhekk din il-Qorti thoss li ghanda timxi biss fuq l-elementi tal-azzjoni ta' spoll u ghanda zzomm distinzjoni bejn azzjoni ta' natura possessorja u azzjoni ta' natura petitorja u dan ghaliex ovvjament hemm principji differenti ghaz-zewgt azzjonijiet indikati, u ovvjament dan jaffettwa l-element ta' prova li jrid issir f'kull kawza; fid-dawl ta' dan

eccezzjonijiet tal-konvenut li jidhlu fuq il-petitorju lanqas biss ser jigu kkonsidrati f'din il-kawza, ghas-semplici raguni li dawn huma lkoll irrelevanti ghall-azzjoni possessorja ta' spoll.

Illi kif inghad fis-sentenza **"Holiday Estates Limited et vs Carmelo Cachia"** (P.A. (RCP) – 29 ta' Novembru 2007) l-principji bazilari tal-azzjoni ta' spoll ibbazati fuq l**-artikolu 534 tal-Kap 16** u l-**artikolu 791 tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta, u t-tlett rekwisiti tal-*actio spolii* huma:-

(i) *possedesse*

(ii) *spoliatum fuisse*

(iii) *infra bimestre deduxisse*

Illi tali principji u rekwiziti gew ezawrientement ikkonsidrati fis-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet "**Natalino u Marie Josette konjugi Agius vs Antonia Said**" (Citazzjoni Numru 2426/97/RCP) deciza fit-13 ta' Jannar 1999 u "**Joseph Mary Debono et vs Dr. Tanya Sciberras Camilleri noe**" (Citazzjoni Numru 1704/98/RCP) deciza fid-29 ta' April, 1999, u s-sentenzi hemm citati, u din il-Qorti taghmel referenza ghall-istess u l-giurisprudenza hemm citata fejn gew eccentwati l-premessi principji:-

(a) L-attur irid jipprova li fil-mument ta' l-ispoll, huwa kien fil-pussess tal-oggett spoljat, izda tali pussess ma hemmx bzonn li jkun pussess b'titolu ta' proprjeta' jew servitu', izda anke purament materjali jew *di fatto*, izda mhux ta' mera tolleranza (**"Joseph Vassallo Gatt nomine vs Joseph Camilleri proprio et nomine**" – App. 26 ta' Jannar 1996).

(b) L-istess pussess ma ghandux ikun ekwivoku u jrid ikun manifest (**"Gio Maria Tonna vs Gius Maria Tonna"** – P.A.(H.H.) 21 ta' Frar 1983), pero` "*pussess qasir hafna u sahansitra mumentarju huwa bizzejjed biex jawtorizza l-azzjoni ta' spoll"* (Vol. XXXVII. p. 11, pg. 642); b'dan li l-pussess ma kellux ikun ekwivoku u kellu jkun manifest (**"Camilleri vs Giglio"** – Vol X – p. 55, 56).

In effetti fis-sentenza **"Marthese Borg vs Gorg Borg"** (P.A. – 25 ta' Frar 1993) inghad li:-

"*L-univocita` ta' tali pussess jew detenzjoni in fatti jehtieg li tirrizulta cara mill-fatti u tkun tali li tosta ghall-intenzjoni spolljattiva tal-pussess stess.*"

(c) Illi a bazi tal-**artikolu 791 (3) tal-Kap 12**, il-Ligi tipprovdi tassattivament li:-

"*Il-Qorti ghandha tezamina biss il-fatt tal-pussess jew tad-detenzjoni u l-fatt tal-ispoll.*"

Illi hekk fil-kawza **"Joseph Cilia et vs Loreto Camilleri et"** (P.A. (FGC) – Citazzjoni Numru 1163/93/FGC) tat-12 ta' Gunju 1998) gie riaffermat li:-

"*Il-Ligi taghna fl-azzjoni ta' spoll ma tghatix lok ghall-ebda indagini ohra barra minn dik li tistabbilixxi (a) il-fatt ta' pussess/detenzjoni u (b) il-fatt ta' spoll. Indagini limitatissima, rigoruza u skarna li ma tinsab f' ebda legislazzjoni ohra, u ghalhekk, bir-rispett kollu ghal decizjonijiet li ppermettew indagnijiet bazati fuq x' jghidu u x' ma jghidux guristi u awturi Francizi u Taljani, huma ghal kollox irrelevanti w inapplikabbli fil-kuntest tal-ordinament guridiku taghna*" (**"Carlo sive Charles Cardona et vs Francesco Tabone"** – Appell 9 ta' Marzu 1992). Tal-istess portata hija s-sentenza **"Mariano Farrugia et nomine vs Peter Paul Cutajar"** (Citazzjoni Numru 1441/97/FGC tat-23 ta' Ottubru 1998) fejn il-Qorti accentwat li:-

"*Din l-azzjoni ta' spoll hija koncepita bhala azzjoni rapida u effikaci ghall-iskop li ma thalli lil hadd jiddisturba 'stat ta' fatt' arbitrarjament u hija intiza 'unikament biex igieghel lill-konvenut li jerga' iqieghed il-haga fl-istat li kienet qabel ma ddisturbaha u daqshekk biss*" kif jghid bl-aktar mod car l-**artikolu 791 (1) tal-Kap 12** li sfortunatament jigi hafna drabi injorat.

(d) Illi l-vjolenza mehtiega fl-ispoll hija biss dik li l-att ta' spoll ikun arbitrarju u kontra il-volonta' tal-pussessur b' mod li jista' jghati lok ghall-azzjoni ta' danni kontra min ikun ghamel dak l-att (**"Joseph Scerri vs Spiridione Falzon"** – P.A. (A.M) 24 ta' Jannar 1958; **Joseph Vella vs Salvu Micallef** – P.A. (JSP) 30 ta' Jannar 1991).

(e) Tali artikoli fuq citati huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk ma humiex ammessi eccezzjonijiet hlief eccezzjonijiet delatorji (**"Margherita Fenech vs Paolo Zammit"** – P.A. 12 ta' April 1958 - Vol XLLI. Pg. 973; **"Carmelo Sacco vs Paul Sacco"** – Appell 23 ta' Jannar 1998).

(f) Illi ta' partikolari interess, fl-ambitu tal-kawza odjerna huwa dak stabbilit fis-sentenza **"Alfred Pisani et vs Victor Farrugia"** ( P.A. (FGC) – 21 ta' Jannar 1994).

"*Jinghad li la l-Ligi u lanqas il-gurisprudenza ma jaffermaw il-principju li biex wiehed jirnexxi b' din l-azzjoni ta' spoll huwa ghandu jkollu pussess esklussiv. Anzi l-Qrati nostrali dejjem ippremettew li ko-possessur jagixxi b' din l-azzjoni kontra ko-possessur iehor li jikkommetti spoll ghad-dannu tieghu u dan minhabba li l-azzjoni ta' spoll ghandha l-iskop li tipproteggi l-pussess u mhux il-pussess esklussiv.*"

(g) L-azzjoni ta' spoll trid issir fi zmien xahrejn mid-data tal-kummissjoni tal-att spolljattiv, b'dan li skond il-pronunzjament fis-sentenza **"Norman Vassallo vs Filomena Esposito"** (Appell – 18 ta' Gunju 1993) inghad li *"meta tinghata l-eccezzjoni li l-azzjoni ta' spoll privileggjat ma saritx fiz-zmien preskritt mill-Ligi, il-prova ta' dan tinkombi fuq l-eccippjenti ghaliex skond l-Artikolu 562 tal-Kap 12, l-obbligu tal-prova tal-fatt imiss dejjem lil min jallegah.*"

Illi applikati dawn il-proceduri ghall-kaz in ezami jirrizulta li l-attur qed jallega li huwa kien juza l-isqaq Dun Guzepp Mifsud l-Imsida, qabel maghruf bhala Sqaq Genduz, illum maghruf bhala Sqaq Dun Gwann Mifsud, sabiex jaccedi ghar-residenza tieghu "Blessed Farm House" fl-istess

sqaq, fi Triq San Gwann tal-Gharghar, Msida, u fil-fatt jirrizulta li huwa hekk registrat minn kopja tar-Registru Elettorali ta' Ottubru 2007 (fol.58) u karta tal-identita' (fol. 59) u dan anke biex jaghddi bil-van u bit-trakk tal-ghalf ghaliex mad-dar ghandu razzett licenzjat sabiex irabbi n-naghag, tant li jghid li ilu juza l-istess sqaq minn 1994, ftit wara li zzewweg fil-31 ta' Ottubru 1993; jallega li l-konvenut li ghandu bi qbiela raba' tal-Gvern u li kien juza l-parti ta' quddiem ta' istess sqaq sabiex jidhol fil-parti tieghu bejn Marzu u April 2007 dejjaq l-istess passagg proprju fil-parti ta' quddiem tieghu, u dan billi ghamel ukoll xatba bil-pilastri tal-gebel, u ghalaq u dejjaq id-dhul ghall-istess sqaq, u wkoll tefa' gebel fin-nofs u ghalaq il-passagg b'hajt tas-sejjiegh. Fil-fatt l-istess attur identifika tali xogholijiet fix-xhieda tieghu in kontro-ezami tat-2 ta' Ottubru 2007 fl-ahhar paragrafu a fol. 36 tal-process. Dwar dan xehed ukoll Pawlu Calleja, missier il-mara tal-attur li joqghod biswiet f'8C, Triq San Gwann tal-Gharghar, Msida, li jghid li kienu juza l-istess passagg ghal zmien twil u f'50 sena qatt ma kien hemm ostakolu ghalih wisq inqas xatba (fol. 22 u xhieda tieghu fl-10 ta' Dicembru 2008); Vincenza u Emmanuel Pace ta' Lelsin, fl-istess triq, appogg mal-isqaq ikkonfermat li kemm ilha toqghod hemm mill-1984 hija dejjem uzat l-isqaq u qatt ma kien hemm ostakolu ghalih jew xi xatba, u tikkonferma li sabet l-isqaq imbarrat mill-konvenut f'Marzu 2007 (fol. 23/24 u xhieda datata 12 ta' Frar 2009 (fol. 120 *et sequitur*) u dik tal-20 ta' April 2010 (fol. 234 *et sequitur*); l-istess ghamel Paul Calleja hu l-mara tal-attur (fol. 26) u mart l-attur Caroline Mifsud (fol. 27) nkluz fix-xhieda taghha in kontro-ezami fl-20 ta' April 2010 (fol. 236 *et sequitur*). .

Illi jirrizulta li in subizzjoni l-konvenut fit-18 ta' Ottubru 2007 jammetti li ghamel tali xogholijiet tant li jghid li *"dawk ix-xogholijiet ghamilthom minhabba illi gejt imgieghel minn ghand tal-Lands"* (fol. 48). Dan jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-konvenut prodott mill-attur fis-seduta tat-28 ta' Frar 2008 (fol. 62 u 63). Fil-fatt fis-seduta quddiem il-Qorti inqghad li ghamel ix-xoghol mertu tal-kawza odjerna *"ghax gew il-Lands u tawni ordni biex naghlaq kull ma hemm….Gew il-Lands u tawni ordni biex naghmel ix-*

*xatba”* (fol. 64). Fil-fatt fl-istess xhieda jghid li ghamel ix-xatba indikata f’Dok. “PL 1” (fol. 55) u wkoll li dejjaq il-passagg u ghamel il-pilastri (fol. 74). Jghid li mhux ghamel hitan fl-istess passagg izda irranga l-hitan li kienu imwaqqghin (fol. 75). Jammetti wkoll li l-attur kien juza l-istess passagg izda *“ghaliex kont inhallih jien”* (fol. 49).

Illi l-Qorti hawn tirreferi ghax-xhieda tal-konvenut quddiema fis-seduta tat-28 ta’ Frar 2008 fejn jirrizultalha li mill-istess xhieda l-konvenut ipprova jahrab mid-domandi li kienu qed isirulu mid-difensur tal-attur, u mhux biss izda naqas li jiddentifika ta’ min hija l-kamra li tidher fl-istess ritratti a fol. 55 tal-process, u dan f’sit fejn l-istess konvenut jaf sew izda dan ma jbiddel xejn mill-fatt li mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur kien jaghddi mill-istess sqaq u dan sakemm twaqqaf mill-konvenut billi l-istess ghamel ix-xogholijiet mertu tal-azzjoni odjerna. Dan fil-fatt jinsab ikkonfermat u ammess mix-xhieda ta’ Josephine Cachia fl-affidavit taghha datat 30 ta’ Lulju 2008 (fol. 96), u ovvjament din il-Qorti ma hijiex ser tidhol (ghaliex lanqas tista’ tidhol fi kwistjonijiet ta’ dritt o meno vantati mill-konvenut u x-xhieda tieghu u dan ghaliex dawn ma ghandhomx post f’dawn il-proceduri ta’ spoll.

Illi mid-dokumenti esebiti nkluz l-ittra ufficjali datata 21 ta’ Marzu 2007 (Dok. “AC 2” - fol. 159) jirrizulta li fil-fatt l-attur kellu pussess ta’ l-istess sqaq u jidher li hemm kontestazzjoni dwar id-dritt tal-attur li juza l-istess, izda ovvjament tali dritt ma huwiex il-mertu tal-kawza odjerna, li kif inghad *ad nauseam* hija dik ta’ spoll, u kull ma l-Qorti tista’ taghmel huwa li tara jekk l-attur kellux pussess tal-istess sqaq ta’ liema xorta jkun u jekk kienx hemm l-ispoll, fatt li jirrizulta mill-provi, u ammess mill-konvenut, u li saret l-azzjoni fit-terminu rikjest mill-Ligi, u dan jidher li sar ghaliex l-azzjoni odjerna giet intavolata fl-20 ta’ April 2007, meta x-xogholijiet saru fl-ahhar ta’ Marzu u bidu ta’ April 2007, u ghalhekk l-elementi kollha tal-azzjoni attrici gew ippruvati.

Huwa immaterjali ghal din l-azzjoni petitorja li l-konvenut u l-Kummissarju tal-Artijiet istitwixxa kontra inter alia l-konvenut (Dok. “AC 5” – fol. 162) u fil-fatt kull difiza da

parte tal-konvenut fuq dan il-binarju f'din il-kawza ma hija xejn inqas minn abbuz ta' din il-procedura, ghaliex l-azzjoni ta' spoll hija intiza sabiex tevita lil min, anke jekk jippretendi li ghandu dritt, li jiehu l-ligi b'idejh, kif ghamel il-konvenut f'din il-kawza u xhieda ta' Emanuel Martin bhala technical officer fil-Lands Dipartiment (3 ta' Settembru 2009) bl-ebda mod ma tista' tagevola l-posizzjoni tal-konvenut f'din il-kawza, ghaliex xorta jibqa' l-fatt li l-konvenut ha l-ligi b'idejh sabiex iwaqqaf lill-attur milli juza l-passagg. Il-provi kollha l-ohra juru li l-istess attur fil-fatt ilu juza l-istess passagg u x-xhieda kollha f'din il-kawza nkluzi dik tal-ufficjali tal-Mepa (inkluza ta' Ivor Robinich tat-18 ta' Novembru 2010 u l-pjanta Dok. "IR 8" – a fol. 232) jikkonfermaw dan kollu, u allura f'dan il-kuntest it-talbiet attrici qed jigu milqugha

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut fir-risposta tieghu datata 11 ta' Mejju 2008 ghaliex huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet hawn decizi, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tal-attur fit-termini tal-**artikoli 534 *et sequitur* tal-Kodici Civili.**

2. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex, fi zmien qasir u perentorju ta' tletin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza, jispurga l-ispoll kommess minnu ghad-dannu tal-attur u dan billi taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Mario Cassar, li qed jigi nominat ghal dan l-iskop a spejjez tal-konvenut, inehhi x-xogholijiet kollha li huwa ghamel sabiex iddejjaq l-isqaq Dun Guzepp Mifsud, Msida, billi titnehha x-xatba li ghamel, bil-pilastri b'kollox, jitnehha l-gebel li tqieghed fin-nofs tal-passagg mertu tal-kawza odjerna u jitnehha kull ostakolu li ghamel il-konvenut sabiex ghalaq bicca ohra b'hajt tas-sejjiegh b'mod li bih impedixxa u fixkel lill-attur mill-access hieles li kien jippossjedi u jgawdi mill-istess passagg kemm bir-rigel u bl-ingenji, u dan billi kollox jigi represtinat fl-istat prestinu

tieghu qabel il-kommissjoni ta’ l-istess spoll da parte tal-konvenut.

3. Tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jerga’ jirreintegra lill-attur fil-pussess tieghu tal-istess passagg u dan billi jerga’ jiftah l-isqaq u jnehhi x-xatba u l-gebel kif fuq inghad u dan kollox kif indikat skond it-tieni domanda tal-azzjoni attrici hawn milqugha.

4. Fin-nuqqas, li l-konvenut jaghmel l-istess xogholijiet fit-terminu qasir u perentorju hawn prefiss f’din is-sentenza konsegwenzjali ghat-tieni talba attrici, tawtorizza lill-attur sabiex dejjem taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-Perit Mario Cassar, li qed jigi hawn nominat ghal tali skop minn din il-Qorti a spejjez tal-konvenut, jaghmel huwa x-xoghol mehtieg kollu ndikat f’din is-sentenza a spejjez kollha tal-konvenut.

Bl-ispejjez kollha, nkluz tal-Perit Tekniku hawn nominat kontra l-konvenut.”

**Rikors tal-appell tal-konvenut Emanuel Cachia:**

**2.** Il-konvenut Emanuel Cachia ħassu aggravat bis-sentenza tal-ewwel qorti li fiha t-talbiet tal-attur ġew milqugħa, u għalhekk interpona dan l-appell minnha. L-aggravji tiegħu huma tlieta:

1) L-ordni pubbliku

**3.** Dan l-aggravju jirrigwarda l-punt li l-azzjoni ta’ spoll hija waħda ta’ natura pubblika. Il-konvenut appellant jirreferi għax-xiehda ta’ Emanuel Martin (Principal Technical Officer mad-Dipartiment tal-Artijiet) tat-3 ta’ Settembru 2009 u jilmenta li l-ewwel qorti ma ħaditx konjizzjoni tagħha, u senjatament tal-parti fejn isemmi li kien inħareġ *eviction order* li minnu kien jirriżulta li kien l-istess attur li għamel xogħlijiet b’mod abbużiv u illegali. Ikompli jgħid li Emanuel Martin xehed li d-Dipartiment tal-Artijiet kien intavola ittra uffiċjali fil-konfront tal-attur Carmelo Mifsud minħabba l-aġir abbużiv u illegali tiegħu.

**4.** Huwa jilmenta li l-ewwel qorti skartat il-punt li x-xatba saret fuq struzzjonijiet ta' Emanuel Martin għan-nom tad-Dipartiment tal-Artijiet, ħaġa li tirriżulta kemm mix-xiehda ta' Emanuel Martin kif ukoll ta' Josephine Cachia. Jargumenta li l-ordnijiet tad-Dipartiment tal-Artijiet jeċċedu bil-kbir u bil-bosta l-interess pubbliku tal-istess azzjoni ta' spoll u jsostni li meta tinħareġ ordni mid-Dipartiment tal-Artijiet skont l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 228 tal-Liġijiet ta' Malta dawn il-liġijiet jissuperaw kwalunkwe pretensjoni ta' spoll li attur u/jew persuna jippretendi li jkollu.

<u>2) Il-prinċipju "*vim vi repellere licet*":</u>

**5.** Il-konvenut appellant jilmenta wkoll li l-ewwel qorti skartat dan il-prinċipju li kien applikabbli għall-każ. Jispjega li ladarba l-attur appellat Mifsud kien qabad u daħal fl-għalqa imqabbla lilu (l-konvenut appellant Cachia), huwa kellu d-dritt li jiddefendi ruħu bl-istess tip ta' miżura bħala reazzjoni immedjata għall-vjolenza użata kontra tiegħu. Huwa jsostni li mix-xhieda ta' Emanuel Martin u wkoll tal-MEPA jirriżulta li l-attur appellat kien qabad u beda jiskava trinka fil-passaġġ privat u għamel bieb agrikolu mill-ħajt tas-sejjieħ tal-għalqa fejn huwa jippossjedi għal fuq l-għalqa proprjeta` tal-Gvern imqabbla lill-konvenut appellant.

<u>3) Il-kjamat in kawża</u>

**6.** Finalment jilmenta li l-attur appellat naqas milli jdaħħal fil-kawża lill-Gvern ta' Malta bħala kjamat fil-kawża. Jistaqsi: kif tista' l-qorti tordna t-twaqqieħ tal-kolonni li qed iżommu x-xatba, t-tneħħija tax-xatba, t-twessiegħ tal-passaġġ, u l-affarijiet l-oħra rikjesti meta l-art mertu tal-każ jirriżulta li hija tal-Gvern ta' Malta, liema Gvern kellu d-dritt jagħti dawk id-direttivi rikjesti?

**7.** Fil-fehma tiegħu l-attur appellat naqas mhux biss meta ma ntavolax il-kawża kontra l-Gvern ta' Malta, iżda wkoll għaliex ma ntavolax ittra uffiċjali skont l-Artikolu 460 tal-Kapitolu 12 fil-konfront tal-Gvern ta' Malta qabel ma ppreżenta din il-kawża.

**8.** Huwa wkoll jagħmel riferenza għas-sentenzi "Camilleri et vs Vella" Vol XXXI paġni 675 sa 677, u "Anthony Baldacchino vs Giuseppe Baldacchino" mogħtija mill-Qorti tal-Appell Ċivili fil-25 ta' Mejju 1987.

**Risposta tal-attur appellat Carmelo Mifsud:**

**9.** L-appellat Carmelo Mifsud wieġeb biex igħid għaliex l-appell tal-konvenut huwa infondat u għandu jiġi miċħud u s-sentenza appellata għandha tiġi kkonfermata bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant.

**10.** Dwar l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant fejn igħid li huwa ma setax imur kontra l-ordni tad-Dipartiment tal-Artijiet, l-appellat ma jaqblix li dan bħala fatt kien minnu. Igħid li la hu u lanqas il-konvenut appellat ma rċevew xi ordni fit-termini tal-Artikolu 3(1) tal-Kap 228 tal-Liġijiet tal-Malta. Huwa jsostni li kien il-konvenut li minħabba l-pretenzjonijiet li jippretendi li għandu, immolestah fit-tgawdija tal-isqaq mnejn kien jaċċedi għal daru u jżid igħid li huwa għalhekk li l-konvenut appellant bħala awtur tat-turbattiva għandu jwieġeb għall-azzjoni tiegħu.

**11.** Dwar it-tieni aggravju fejn il-konvenut appellant jippretendi li l-atti li għamel kienu intiżi merament biex jilqa' għall-vjolenza magħmula kontrih minnu (l-attur appellat) a tenur tal-prinċipju "*vim vi repellere licet*", l-appellat jgħid li din id-difiża mhix applikabbli għaliex huwa kien ilu s-snin juża l-isqaq u għalhekk jargumenta li l-azzjoni tal-konvenut appellant ma tista' qatt tikkwalifika bħala reżistenza immedjata għall-pussess vjolenti da parti tiegħu. Huwa jsostni li din id-difiża tista' titqajjem biss f'ċirkostanzi partikolari li ma jirriżultawx fil-każ odjern.

**12.** Dwar it-tielet aggravju fuq il-punt li l-Gvern kellu jkun kjamat fil-kawża, l-appellat igħid li s-sentenzi ċitati mill-konvenut appellant għajr għal waħda, ma jirrigwardawx kawżi ta' spoll u anke r-riferenzi mogħtija huma żbaljati, evidentement ikkupjati mis-sentenza l-oħra ċitata

"Anthony Baldacchino vs Giuseppe Baldacchino" mingħajr ma ingħata każ biżżejjed x'jgħidu.

**13.** Finalment igħid li l-konvenut appellant għadu fil-pussess materjali tar-raba u l-isqaq li qiegħed iżomm magħluq b'*gate* b'ċavetta li għadha fil-pussess tiegħu u għalhekk ma hemmx diffikulta` biex is-sentenza li tingħata kontra tiegħu tiġi esegwita.

**<u>Kunsiderazzjonijiet ta' din il-qorti:</u>**

*L-ewwel aggravju:*

**14.** Il-konvenut appellant f'dan l-ewwel aggravju tiegħu jagħmel referenza għax-xiehda ta' <u>Emanuel Martin</u> (Principal Technical Officer mad-Dipartiment tal-Artijiet) mogħtija fit-3 ta' Settembru 2009. Huwa jgħid hekk: *"…l-imsemmi xhud kunjomu Martin jixhed li kien inħareġ eviction order u fejn emanixxa da parti tad-Dipartiment tal-Artijiet li kien l-istess attur li għamel u esegwixxa xogħlijiet b'mod abbużiv u illegali. Illi fil-każ in diżamina, Martin xehed li bħala Dipartiment tal-Artijiet intavolaw ittra uffiċjali fil-konfront tal-attur Carmelo Mifsud minħabba l-aġir abbużiv u illegali da parti tal-istess attur."*

**15.** Effettivament Emanuel Martin xehed illi huwa kien ġie involut fl-art in kwistjoni (Tal-Gannus) meta mar biex iqassam "*eviction order*" lil Emanuel Cachia (u cioe` lill-konvenut appellant) sabiex ineħħi kull ostakolu li kien poġġa fl-isqaq pubbliku ta' Gannus, limiti ta' San Ġwann. Xehed li l-"*eviction order*" ġiet mill-Kummissjoni tal-Artijiet u kienet datata 28 ta' Frar 2007 u spjega li meta mar fuq il-post irriżulta li l-passaġġ ma kienx ġie mħarbat mill-konvenut iżda rriżulta invece li l-attur Carmelo Mifsud kien għamel trinka fil-passaġġ biex igħaddi l-main pajp tal-ilma. Igħid li meta mar lura l-uffiċċju huwa rrapporta lill-Kummissarju tal-Artijiet dwar x'kien sab u għamel riferenza għall-minuta li kien niżżel datata 7 ta' Marzu 2007. Huwa fix-xiehda tiegħu għamel riferenza wkoll għall-ittra uffiċjali li l-Kummissarju tal-Artijiet sussegwentement kien bagħat lill-attur, datata 21 ta'

Marzu 2007,[2] li permezz tagħha huwa ġie ordnat jirripristina l-isqaq fl-istat oriġinali tiegħu billi jerġa' jibni mill-ġdid il-ħajt tas-sejjieħ li twaqqa' u kien reġa' ttella' b'tal-franka, jagħlaq il-bieb u t-tieqa li fetaħ, ineħħi l-pajpijiet li jagħtu għall-isqaq, ma jħallix l-ilma maħmuġ jinżel fl-isqaq, u jnehhi l-*inspection chamber*, l-arbli tad-dawl, il-pajp li permezz tiegħu jgħaddi l-ilma u wkoll il-passaġġ li għamel fil-ħajt tas-sejjieħ. Jagħmel ukoll riferenza għall-ittra responsiva tal-attur datata 16 ta' April 2007[3] fejn huwa ċaħad l-allegazzjonijiet kollha magħmula fil-konfront tiegħu u wkoll għall-ittra datata 1 ta' Awwissu 2007[4] fejn il-Kummissarju tal-Artijiet kiteb lill-attur u infurmah li kien qed jingħata permess limitatament biex iħalli l-arbli tad-dawl li twaħħlu mill-Enemalta biex ikollu s-servizz tad-dawl u l-ilma bil-kundizzjoni li l-pajpijiet jgħaddu minn taħt il-ħajt tas-sejjiegħ.

**16.** Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel qorti skartat il-punt li x-xatba saret fuq struzzjonijiet ta' Emanuel Martin għan-nom tad-Dipartiment tal-Artijiet u jsostni li dan jirriżulta kemm mix-xiehda ta' Josephine Cachia fl-affidavit tagħha kif ukoll mix-xiehda stess ta' Emanuel Martin u jargumenta li meta tinħareġ ordni mid-Dipartiment tal-Artijiet skont l-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 228 tal-Liġijiet ta' Malta, l-liġi speċjali u d-drittijiet sakrosanti tad-Dipartiment tal-Artijiet jissuperaw kwalunkwe pretenzjoni ta' spoll li l-attur u/jew persuna jippretendi li jkollha.

**17.** Josephine Cachia xehdet hekk: "*Mr Martin tana struzzjonijiet sabiex nagħlqu l-għalqa tagħna b'xatba u sabiex nirranġaw il-ħitan tas-sejjieħ*".[5] Il-konvenut stess fix-xiehda tiegħu tat-18 ta' Ottubru 2007 xehed li x-xogħlijiet għamilhom minħabba li kien ġie mġiegħel mingħand tal-Lands.[6] Fix-xhieda tiegħu tat-28 ta' Frar 2008 reġa' xehed li "*Ġew il-Lands u tawni l-ordni biex nagħmel ix-xatba.*"[7] Mistoqsi min kellmu, huwa rrisponda li kien Emanuel Martin. Emanuel Martin innifsu pero`,

[2] Fol 159
[3] Fol 160
[4] Fol 161
[5] Josephine Cachia, Affidavit a fol 94-97
[6] Emanuel Cachia, Xhieda tat-18 ta' Ottubru 2007, fol 47 et seq
[7] Emanuel Cachia, Xhieda tat-28 ta' Frar 2008, fol 60 et seq

kemm fix-xiehda tiegħu tal-4 ta’ Ġunju 2009, kif ukoll fix-xiehda tiegħu tat-3 ta’ Settembru 2009, (li jagħmel riferenza għaliha l-konvenut appellant) ma jsemmix li ta xi struzzjonijiet simili u għalhekk ma tirriżultax korroborata din l-allegazzjoni tal-konvenut appellant.

**18.** Di piu` jekk wieħed jaqra l-artikolu 3(1) tal-Kapitolu 228 (Att dwar Żgumbrament minn Artijiet), li l-konvenut appellant qed jistrieħ fuqu biex jiġġustifika l-fatt li ma kellux triq oħra ħlief li jobdi l-ordni li tah id-Dipartiment tal-Lands, isib li dan jirrigwarda ordnijiet ta’ żgumbrament, u għalhekk, kif osserva l-attur appellat fir-risposta tiegħu, kieku verament irċieva xi ordni taħt dan l-artikolu ifisser li huwa ġie ordnat biex jiżgombra mill-art (u mhux biex jagħmel xi xogħlijiet!)

**19.** Għalhekk dan l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant jirriżulta infondat.

*It-tieni aggravju:*

**20.** Il-konvenut appellant jilmenta li l-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra l-principju tal-“*vim vi repellere licet*”. Huwa jsostni li l-attur kien qabad u beda jiskava trinka fil-passaġġ privat u għamel bieb agrikolu mill-ħajt tas-sejjiegħ tal-għalqa fejn Mifsud jippossjedi għal fuq l-għalqa proprjeta` tal-Gvern imqabbla lil Cachia u li kien għalhekk li huwa għamel dak li kellu jagħmel sabiex iħares id-drittijiet tiegħu bħala gabillott u sabiex iħares ukoll id-drittijiet kif ordnati minn sid l-għalqa, cioe` l-Gvern ta’ Malta.

**21.** Din id-difiża tal-“*vim vi repellere licet*” il-konvenut kien qajjimha (indirettament) fl-eċċezzjonijiet tiegħu, meta spjega li familjari tal-attur kienu qegħdin igħaddu b’mod abbużiv u illegali b’inġenji, trakkijiet u cranes u kien għalhekk li huwa għamel ix-xatba. Qal ukoll li dawn l-istess nies kienu jwaddbu skart fl-għalqa tiegħu. Dawn pero` huma raġunijiet kemmxejn differenti minn dawk mogħtija fit-tieni aggravju tiegħu biex jiġġustifika l-applikazzjoni tal-prinċipju “*vim vi repellere licet”* u għalhekk huwa dubjuż x’kien eżattament u meta sar

eżattament dak l-egħmil spoljattiv vjolenti da parti tal-attur appellat li abbażi tiegħu l-konvenut qed jiġġustifika l-azzjonijiet spoljattivi tiegħu mertu ta' din il-kawża.

**22.** Josephine Cachia fl-affidavit tagħha qalet li fit-28 ta' Frar 2007 meta kienet fil-kċina tad-dar tagħha rat ħaddiema tal-attur qegħdin jagħmlu xogħlijiet ta' trinek u konsegwentement hi u żewġha għamlu rapport mal-Pulizija u mad-Dipartiment tal-Artijiet. Kompliet tgħid li kif ġara dan l-inċident u ġie Emanuel Martin mid-Dipartiment tal-Artijiet dan tahom struzzjonijiet biex jagħlqu l-għalqa bix-xatba u jirranġaw il-ħitan tas-sejjiegħ. Issa li kieku din il-qorti kellha għall-grazzja tal-argument tikkunsidra dan l-inċident partikolari bħala l-egħmil vjolenti li ta lok għar-reazzjoni tal-konvenut appellant, xorta waħda mhux sodisfatt ir-rekwiżit li r-reazzjoni sabiex jiġi ribattut l-egħmil in kwistjoni trid isseħħ minnufih jew fi żmien qrib biżżejjed. L-inċident seħħ fit-28 ta' Frar 2007 u Josephine Cachia xehdet hekk: "*Illi kif għamilna x-xatba, madwar xahar wara, rċevejna dan ir-rikors ġuramentat li għaliha qegħdin nopponu t-talba tal-ispoll tas-sur Carmelo Mifsud*." L-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu qal li kien "*għall-aħħar ta' Marzu u l-bidu ta' April 2007*" li l-konvenut għamel ix-xogħlijiet mertu ta' din il-kawża. Ifisser għalhekk li kien hemm intervall ta' mill-inqas <u>erba' jew ħames ġimgħat</u> bejn l-allegat egħmil vjolenti mill-attur appellat u x-xogħlijiet spoljattivi mertu ta' din il-kawża. Fis-sentenza "<u>Ġorġ Camilleri vs Ġorġ Bonello</u>" mogħtija fil-5 ta' Ottubru 1998, din il-qorti diversament preseduta fir-rigward ta' din id-difiża tal-"*vim vi repellere licet*" saħqet fuq ir-rekwiżit tal-immedjatezza u rriteniet hekk:
*"L-att spoljattiv tal-konvenut ma sarx meta l-attur kien qed iwaqqa' l-ħajt, u għalhekk il-konvenut ma jistax jipprevalixxi ruħu mill-prinċipju 'vim vi repellere licet' billi skond id-dottrina in materja (Koll. Vol. LLXXIII-II-p.273) 'contro l'altrui azione violenta e` consentita anche l'autodifesa. Percio` posso oppormi alla violenza mentre questa e` in atto (in continenti e non ex intervallo). Se invece la violenza e` cessata, devo ricorrere al giudice esperendo l'azione possessoria – omissis – Ma se non c'e` l'immediatezza, il possessore che difendesse il suo*

*'ius possessionis' agendo personalmente incorrebbe nel reato di ragion fattasi'."*

**23.** Il-Qorti tal-Appell f'din il-kawża ċitata kompliet tispjega li ladarba l-konvenut reġa' bena l-ħajt biex jagħlaq l-apertura in kwistjoni wara li kienet spiċċat il-vjolenza tal-attur, ifisser li l-konvenut ħa l-liġi f'idejh, għaliex l-aġir tiegħu ma sarx waqt li l-attur kien qed iwaqqa' l-ħajt, iżda meta l-vjolenza tal-attur ma kinitx għadha *in atto*.

**24.** F'dan il-każ ukoll jirriżulta li x-xatba u x-xogħlijiet lamentati saru wara trapass ta' żmien notevoli u għalhekk ċertament mhux il-każ li jiġi applikat dan il-prinċipju.

**25.** Għalhekk dan it-tieni aggravju ukoll jirriżulta infondat.

*It-tielet aggravju:*

**26.** Fl-aħħar aggravju tiegħu l-konvenut appellant jargumenta li l-Gvern ta' Malta kellu jkun kjamat fil-kawża peress li sentenza ta' din in-natura ser ikollha effetti diretti fil-konfont tiegħu. Huwa jistaqsi: kif tista' l-qorti tordna t-twaqqiegħ tal-kolonni li qegħdin iżommu x-xatba u t-tneħħija tax-xatba u t-twessiegħ tal-passaġġ u l-affarijiet l-oħra rikjesti meta l-art mertu tal-kawża hija tal-Gvern ta' Malta, liema Gvern ta' Malta kellu kull dritt li jagħti dawk id-direttivi rikjesti?

**27.** L-Artikolu 535(1) tal-Kodiċi Ċivili jistipula li azzjoni ta' spoll għandha tiġi intavolata kontra *"l-awtur tal-ispoll"*[8]. L-egħmil spoljattiv lamentat mill-attur jirriżulta li sar mill-konvenut appellant u għalhekk il-kawża kellha ssir kontrih. Għalkemm il-konvenut sostna li x-xogħlijiet saru fuq struzzjonijiet tad-Dipartiment tal-Artijiet dan ma rriżultax

[8] **535.** (1) *"Jekk persuna tiġi, bil-vjolenza jew bil-moħbi, mneżża' mill-pussess, ta' liema xorta jkun, jew mid-detenzjoni ta' ħaġa mobbli jew immobbli, hija tista', fi żmien xahrejn mill-ispoll, titlob,* ***b'azzjoni kontra l-awtur tal-ispoll****, li terġa' tiġi mqiegħda f'dak il-pussess jew f'dik id-detenzjoni, kif jingħad fl-artikolu 791 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."*

korroborat mill-istess rappreżentant tad-Dipartiment tal-Artijiet li allegatament ta tali struzzjonijiet u għalhekk din il-qorti ma taqbilx li kien neċessarju li l-Gvern ta' Malta (ossia d-Dipartiment tal-Artijiet) jiġi kjamat in kawża.

**28.** Il-konvenut appellant f'dan l-istess aggravju tiegħu jagħmel riferenza għas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "Anthony Baldacchino vs Giuseppi Baldacchino" mogħtija minn din il-qorti diversament preseduta fil-25 ta' Mejju 1987 u wkoll għas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet "Camilleri et vs Vella" li saret riferenza għaliha fl-istess sentenza[9] (Baldacchino vs Baldacchino) fejn fiż-żewġ deċiżjonijiet ġie ritenut li minħabba li l-kjamata in kawża ta' terz ma tistax tintalab fl-istadju tal-appell, is-sentenza appellata kellha tiġi annullata u l-proċess jiġi rimess lill-ewwel qorti sabiex issir il-kjamata in kawża opportuna.

**29.** Il-kawża "Baldacchino vs Baldacchino", hija waħda li tittratta spoll rurali fejn l-attur ippremetta li l-konvenut kien għalaq parti minn sqaq billi bena ħajt u b'hekk impedilu l-aċċess għall-għalqa tiegħu. Il-Qorti tal-Appell irriżultalha li meta sar il-ħajt u meta ġiet ippreżentata ċ-ċitazzjoni l-konvenut kien għadu fil-pussess fiżiku tal-għalqa u l-ħajt mertu tal-allegat spoll iżda ftit wara li sar l-att spoljattiv, l-għalqa li kienet f'idejn il-konvenut għaddiet f'idejn sidha. L-ewwel qorti laqgħet it-talbiet attriċi u ordnat lill-konvenut jiddemolixxi l-ħajt. Il-Qorti tal-Appell dehrilha li ma setgħetx tagħti sentenza li torbot lill-konvenut biex jirripristina l-ispoll. Irriteniet li l-preżenza ta' sid l-għalqa fil-kawża kienet essenzjali għaliex il-konvenut (li issa m'għadx għandu l-pussess tal-għalqa) ma jistax jesegwixxi s-sentenza jekk mhux bil-permess tas-sid li jippossjedi l-għalqa li mhux parti fil-kawża u li kontra tiegħu s-sentenza appellata ma tagħmilx stat.

**30.** Iċ-ċirkostanzi tal-kawża odjerna huma differenti. Kif jargumenta l-attur appellat fir-risposta tal-appell tiegħu l-konvenut appellant għadu fil-pussess tar-raba u tal-isqaq li qed iżomm magħluq bix-xatba b'ċavetta li għadha fil-pussess tiegħu u għalhekk m'hemmx diffikulta` biex is-

[9] Victoria Camilleri et vs Carmelo Vella, deċiża fil-5 ta' Marzu 1986

sentenza li tingħata kontra tiegħu tiġi effettivament esegwita.

**31.** Għalhekk jirriżulta li t-tielet aggravju huwa wkoll infondat.

Għal dawn il-motivi din il-qorti tiċħad l-appell tal-konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata.  It-terminu ta’ 30 ġurnata li fih għandu jiġi spurgat l-ispoll għandu jiddekorri mid-data ta’ din is-sentenza.

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi għandhom jitħallsu mill-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------